# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 27 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 495/2015 DMA**

**Rimus Trading Agency Limited**
**C 20020**

**Vs**

**Melchiore Dimech**
**(ID. 119582M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-somma mitluba ta' elfejn, disa' mija sebgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu, (€2,947.32) tirrapprezenta l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija li giet mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa' inadempjanti;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali komputat mid-29 ta' Awissu, 2012 li hija data li fiha saret l-ahhar konsenja, kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Xehdet Dr Karen Farrugia Dehret li `kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' elfejn, disa' mija sebgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu, (€2,947.32)ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn, disa' mija sebgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu, (€2,947.32) bl-imghax legali mid-29 ta' Awissu, 2012 data tal-ahhar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**